**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 20**

**Data:** **14 ta' Ottubru, 2020**

**Hin:** **02.00pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

# AGENDA

20.1 Bankina – Triq Frenc ta' l-Gharb

---

20.1 Bankina – Triq Frenc ta' l-Gharb

20.1.1 Tonio Mifsud talab li jigi skuzat peress li ma setghax jattendi minhabba li kien jinsab xoghol gewwa Malta. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

20.1.2 Is-Sindku spjega lill-membri li din il-laqgha kellha tissejjah b'urgenza minhabba li aktar kmieni fil-gurnata xi haddiema min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex gew fi Triq Frenc ta' l-Gharb sabiex jaghmlu bankina gdida quddiem post numru 76. Huwa spjega li din il-materja diga kienet giet diskussa precedentament fil-Kunsill u ma kienx hemm qbil li ssir bankina minhabba li t-triq kienet dejqa u jekk issir tali bankina jkollhom jitnehhew il-parkeggi li hemm faccata ta' l-imsemmija propjeta'. Minkejja dan jidher li s-sid kellu dritt ghal bankina u ghaldaqstant is-Sindku qal li saret laqgha mas-sid stess sabiex jinstab

kompromess dwar soluzzjoni ghal problemi li tista' ggib magha l-bankina f'din iz-zona. Wara diskussjoni s-sid kien qed jaqbel li l-bankina ssir quddiem il-bibien tal-propjeta' tieghu biss u mhux u mhux tul il-propjeta kollha. Is-Sindku qal li ma kienx ser jiehu sehem peress ghandu konflitt ta' interess. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar dan is-suggett fejn qabel li ghandha ssir bankina quddiem ir-residenza nru 76, biss u faccata jsir *double yellow line* sabiex ma jsirx parkegg. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat korrispondenza lis-sid b'dak li sar qbil dwaru sabiex jikkonferma min-naha tieghu u tali ittra tintbghat lit-Transport Malta fejn tingibed l-attenzjoni li l-ewwel ghandu jsir id-*double yellow line*.

15.15.2 Il-laqgha spiccat fit-3pm

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |